MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 2514/1997/1

**Korporazzjoni Telemalta
u b'nota tas-26 ta' Gunju, 2000, s-socjeta' Maltacom PLC assumiet l-atti tal-kawza minflok il-Korporazzjoni Telemalta**

**vs**

**Iris Cilia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-korporazzjoni attrici fil-5 ta' Dicembru, 1997 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta thallas s-somma komplessiva ta' hames mija u sitta u sebghin lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm576.91c) rapprezentanti arretrati dovuti lill-korporazzjoni attrici inkonnessjoni mas-servizz telefoniku numru 673603 skond l- *statement* dokument A, liema kont il-konvenuta obbligat ruhha li thallas skond dokument B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 22 ta' Jannar 1997 kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

1. Il-preskrizzjoni tat-talba attrici, a bazi tal-artikoli 2149 (e) u 2148 (f) tal-Kodici Civili.

2. Illi s-somma mitluba ma hijiex dovuta billi l-konteggi tas-socjeta' attrici huma zbaljati u dan kif jirrizulta anke mill-atti tal-avviz numru 2350/97DM fl-ismijiet premessi.

3. Illi gia hemm kawza pendenti fuq l-istess meritu bejn il-partijiet u dan billi s-socjeta' attrici pprezentat l-avviz numru 2350/97DM permezz ta' liema qed jitolbu li l-istess konvenuta tigi kkundannata somma ghal servizz ta' *telephone*, liema talba hi identika ghal din, eccetto ghal dak li jirrigwarda l-ammont mitlub.

4. Illi apparti ghalhekk, li l-meritu ta' din il-kawza jinsab pendenti quddiem Qorti ohra, l-ammont dovut huwa incert peress li jirrizulta li s-socjeta' attrici stess ma tafx x'inhi s-somma dovuta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz, il-konvenuta ma ghandha l-ebda mezz li tivverifika l-konteggi.
Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Marzu, 2000 fejn ordnat il-korrezzjoni fl-avviz, fis-sens illi t-talba kellha tkun mibdula u flok sitt mija u wiehed u sittin Lira u tlieta u erbghin centezmu (Lm661.43c) kellha ssir hames mija u sitta u sebghin lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm576.91).

Rat illi l-konvenuta giet innotifikata bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern bid-data tad-19 ta' April 2002.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta fejn eccepiet:

Illi l-kumpanija attrici ma tistax tressaq din il-kawza qabel ma thallas lill-konvenuta l-ispejjez minnha sopportati fil-

kawza fl-istess ismijiet (avviz nru 2350/97DM) ceduta mill-istess atturi fil-mori ta' din il-kawza.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuta taghmel referenza ghall-eccezzjonijiet minnha gia ntavolati u tikkonferma li ghadha qieghda ssostnihom quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Illi bla pregudizzju t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi apparti l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenuta, hemm eccezzjoni dwar kawza ohra ntavolata mill-korporazzjoni attrici kontra l-konvenuta, liema kawza kienet iggib in-numru 2350/97DM. Din il-kawza giet ceduta kif jidher mill-verbal tat-13 ta' Ottubru, 1999 a fol 27. A bazi ta' din ic-cessjoni l-konvenuta pprezentat l-eccezzjonijiet ulterjuri taghha a fol 73 fejn qieghda tghid illi qabel ma titkompla din il-kawza, ghandhom jithallsu d-drittijiet tal-kawza ceduta.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti jidhrilha illi l-konvenuta ma tistax tistutifika din il-kawza billi titlob il-hlas tad-drittijiet ta' kawza ohra quddiem il-Qorti tal-Magistrati illi giet ceduta. Hu ben saput illi din ic-cessjoni ma zzommx ir-ri-introduzzjoni ta' kawza ohra fuq l-istess meritu minghajr ma jkun hemm ghalfejn jithallsu l-ispejjez u drittijiet ta' l-ewwel kawza li jibqghu dejjem impregudikati resi esekuttivi bil-kawtili opportuni. Is-sistema quddiem il-Qorti tal-Magistrati hija differenti mill-Qorti Superjuri, fejn f'dik il-Qorti jridu bilfors

jithallsu l-ispejjez u d-drittijiet qabel ma tista tigi ntavolata kawza ohra.

Quddiem il-Qorti tal-Magistrati l-procedura hija differenti u dan il-hlas ma ghandhux ghalfejn isir, ghalhekk il-Qorti ma jidhrilhiex illi l-konvenuta ghandha ragun f'din l-eccezzjoni.

Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, l-konvenuta qieghda tinvoka favur taghha l-Artikolu 2149(e) u 2148 (f) tal-Kodici Civili li jippreskrivu terminu ta' sentejn u tmintax-il xahar rispettivament. Il-Qorti jidhrilha illi l-konvenuta nvokat favur taghha artikoli li ma japplikawx ghal dan il-kaz. Kif gie stabbilit mill-gurisprudenza nostrana, l-kwistjonijiet tal-hlas ta' drittijiet lit-Telemalta, huma preskritti bil-perkors ta' hames snin.

Fil-fatt, il-kawza fl-ismijiet _John Scicluna noe vs Robert Spiteri_ deciza mill-Prim Awla fil-5 ta' Novembru 1992 stabbiliet il-perjodu preskrittiv ghall-azzjoni ta' hlas ta' kera u *calls* fi zmien hames snin, peress illi dana hu servizz moghti mill-korporazzjoni u l-hlas huwa ghal dak is-servizz: *"……il-kreditu ma hux dovut ghal kiri ta' hwejjeg mobbli, izda ghal servizz tat-telephone. Il-kuntratt bejn id-dipartiment u l-konvenut – subscriber – jirreferi ghal servizz tat-telephone permezz ta' installazzjoni ta' taghmir jew apparat provdut mill-attur. Huwa veru li s-subscriber li jhallas a charge ghal kull telefonata u kera ta' l-istallazzjoni jew apparat, izda dan ma jbiddilx in-natura tan-negozju li hu wiehed ta' servizz u l-hlas huwa biss mod kif jigi regolat il-kumpens ghal dan is-servizz".* Ghalhekk il-perjodu preskrittiv f'din il-kawza huwa dak ta' hames snin u mhux kif indikat mill-konvenuta fin-nota ta' eccezzjonijiet taghha.

Irrizulta mill-provi illi l-korporazzjoni attrici qieghda titlob il-hlas ghal servizz moghti bejn Gunju 1994 u Dicembru 1996. Dan l-avviz gie notifikat fis-7 ta' Ottubru, 1998 entro t-terminu ta' hames snin kif stabbilit mill-gurisprudenza fuq ikkwotata, pero' fil-mori ta' din il-kawza, precizament fit-13 ta' Ottubru, 1999 il-korporazzjoni attrici talbet korrezzjoni fl-avviz fejn biddlet il-kliem ta' l-ammont dovut mill-konvenuta, ghad illi c-cifra tan-numri kienet u baqghet

wahda korretta. Il-korporazzjoni attrici kellha tinnotifika lill-konvenuta permezz tal-procedura bil-pubblikazzjoni, liema pubblikazzjoni saret fil-Gazzetta tal-Gvern fid-19 ta' April 2002. Kien ghalhekk illi l-konvenuta pprezentat eccezzjonijiet ohra li jidhru a fol 73 tal-process, li apparti illi qajjmet il-kwistjoni ta' l-ispejjez, ikkonfermat l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni kif originarjament maghmula fl-eccezzjonijiet a fol 20.

Il-Qorti jidhrilha illi din il-korrezzjoni ma taffettwax il-perijodu preskrittiv. Il-konvenuta kienet taf illi l-korporazzjoni attrici qieghda titlob ammont ta' flus minghandha. Originarjment ta' sitt mija u wiehed u sittin Lira u tlieta u erbghin centezmu liema kliem kienu zbaljati, ghad illi c-cifra kienet korretta. Bil-korrezzjoni li talbet il-korporazzjoni attrici gabet il-kliem jaqblu mal-figuri, biex b'hekk il-posizzjoni giet issanata, ghalhekk jidher illi kien sar zball fl-avviz, biss ghal dak li jirrigwarda l-kliem. Il-konvenuta ma tistax tiehu vantagg minn dan, ladarba l-korrezzjoni ma ntroduciet xejn gdid.

Ic-cifra korretta ta' hames mija u sitta u sebghin lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm576.91) minn dejjem kienet tidher fuq l-avviz. Ta' dan kienet konxja l-konvenuta u pprezentat l-eccezzjonijiet taghha. Il-korrezzjoni ma biddlitx is-sitwazzjoni. Ic-cifra fuq imsemmija baqghet dejjem tidher, kemm meta gew ipprezentati l-ewwel eccezzjonijiet a fol 20, u kemm meta gew ipprezentati l-eccezzjonijiet ulterjuri a fol 73. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi tali korrezzjoni ma taffettwax il-preskrizzjoni li giet interrotta darba bin-notifika ta' l-avviz u cioe' fis-7 ta' Ottubru 1998.

Skond id-dokument a fol 31 il-korporazzjoni attrici qieghda titlob il-hlas minn Gunju 1994 u Dicembru 1996. Meta l-Qorti tqis dawn id-dati u d-data tan-notifika, issib illi huma entru t-terminu ndikat fil-gurisprudenza fuq imsemmija. Ghalhekk il-Qorti tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenuta fiz-zewg eccezzjonijiet taghha.

Peress illi din il-Qorti kienet iddifferiet il-kawza ghat-trattazzjoni dwar il-kwistjoni mqajjma mill-konvenuta fin-

nota ta' l-eccezzjonijiet taghha tad-29 ta' Mejju 2002, il-Qorti ser tillimita din is-sentenza ghal dawn iz-zewg kwistjonijiet ta' l-ispejjez u preskrizzjoni kif imqajjma f'din l-eccezzjoni.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta kif imqajjma fl-eccezzjonijiet taghha tad-29 ta' Mejju 2002 (fol 73) u l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kif imqajjma fl-ewwel eccezzjoni taghha (fol 20) u tordna l-prosegwiment tal-kawza bis-smiegh tal-meritu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------